IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru67 (sebgħa u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa, 28 t' Novembru, 2018, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

67.1. Item Nru 67.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

64.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.35pm u u kulħadd kien preżenti

67.2 Item Nru 67.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti

67.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

67.3 Item Nru 67.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

67.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li x-xogħol tal-madum beda u dalwaqt titlesta is-sala. Issa twaħħlu wkoll it-twieqi tal-faċċata u jkun imiss imbgħad il-bibien.

Il-Kunsill bgħat diversi reminders lil Schembri Barbros sabiex jinstallw l-accessorji u l-plakek pero dawn ma rrispondewx s'issa. Il-Kunsill ser jgħati aktar ċans sakemm jitlesta l-madum kollu u imbgħad jara xi drittijiet għandu.

Is-Sindku qal li irċevejna aħbar li f'dan l-istess proġett għandna aktar fondi allokati li ma konniex infurmati bihom. Issa ser ikollna b'kollox €220,000 li s'issa ħadna minnhom €45,000.

Nhar is-16 ta' Diċembru is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis ser iżur il-post u ser jagħmel konferenza tal-preżentazzjoni tal-kumplament tal-fondi. B'dawn il-fondi l-Kunsill ser ikun komdu biex ikompli l-proġett.

67.3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li t-tender tar-rampa u ground slab ħarġet pubblika pero ma tefa' l-offerta ħadd. Għalhekk għandha terġa tiġi ppublikata.

67.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill għandu ftehim bil-fomm ma' Sports Malta u issa qed nistennew biss l-approvazzjoni mil-Lands Authority sabiex ituna in-*no objection* sabiex ikun jista jsir dan il-proġett.

67.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li l-Kunsill applika għal-proġett mal-GAL taħt il Miżura 4 u jidher li ser tiġi aċċettata dan il-proġett ser ikun biex jiġi riġenerat Fort Park. Dan il-Proġett ser ikun parżalment finanzjat mil-UE bi 80% li jlaħħaq l-ammont ta' 59,000 u l-kunsill irid jiffinanzja l-ammont tal-20%.

67.3.5 ATM – Is-Sur Valvo qal li l-BOV jidher li installaw ATM ġewwa Smart City pero l-Kunsill xorta jixtieq li ssir waħda ġewwa x-Xgħajra.

67.3.6 Evaluation Board Tender tal- Knis u t-tender tal-iSkart – Il-Kunsill qabel li l-bord ikun kompost minn Kunsilliera u c-Chairman ikun is-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv ikun is-Segretarju tal-Bord.

67.3.7 SSTP – Is-Sur Valvo qal li minħabba li ma kellnix laqgħat dan l-aħħar qed nerġgħu nitolbu biex issir laqgħa mil-aktar fis.

67.3.8 Librerija – Is-Sur Valvo qal li l-ftehim mal-librerija pubblika sar u issa imiss li jiġu biex jagħmlu weeding tal-kotba sabiex ineħħu kotba antiki u iġibu kotba ġodda ta' aktar interess.

67.3.9 Van tal-Kunsill – Il-Kunsill qabel li jinxtara Van ġdid. Rajna Van li jidher għadu sew mingħand l-AVIS u li huwa Toyota HiAce. Il-Prezz tiegħu huwa €5,800. Is-Segretarju mar bih għand machanic u jidher li għadu sew ħafna. Għalhekk il-Kunsill qabel li jinxtara. Il-Van l-antik għalissa il-Kunsill qabel biex jiġi iggaraxxjat sakemm eventwalment jiġi skrapjat.

67.3.10 Kirja tal-Librerija – Il-Kuntratt tal-Kirja tal-Librerija sar u ser jibda fis-seħħ minn April tas-sena 2019.

67.3.11 Mizura 4.4 Hitan tas-Sejjiegħ – Is-Sindku informa lil Kunsilliera li dan il-proġett ġie approvat u li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel proġett ta' Ħitan tas-Sejjiegħ f' dawn it-toroq, Triq Dwardu Ellul, Triq l-Iskola, Triq il-Fortizza tal-Grazzja u Triq Karmelo Ritchie. Dan il-proġett ser ilaħħaq is-somma ta' €88,000 u ser ikun parzjalment iffinanzjat mil-UE 80%. Fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill ser jiffirma l-Kuntratt.

67.4. Item Nru. 67.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

67.4.1 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet fuq il-MC Bay li kellha ssir fi Triq il-Fabbriki pero s-Segretarju qallha li talab laqgħa ma' TM sabiex naraw tistaw issir u filkas issir bil-Kuntrattur ta' TM stess.

67.4.2 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet fuq l-ilma li qed iżomm fi Triq il-Fabbriki u -s-Segretarju qallha li ser iqabbad lil David sabiex jagħmel din it-trinka u jsir kanal taħt il-bankina.

67.4.3 Is-Sinjura Borg staqsiet fuq il-kompetizzjoni tal-Milied ta' tpenġijiet u krafts. Is-Sindku qal li lis-Surmast kellmu u jistgħu imorru l-iskola l-Kunsilliera sabiex jagħtu aktar infomazzjoni lit-tfal.

67.5. Item Nru 67.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

67.5.1 Ma kienx hemm rapporti

67.6. Item Nru. 67.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

67.6.1 Is-Sur Valvo qal li dis-sena ser issir attivita tal-Milied nhar id-19 ta' Diċembru fis-sala tal-Knisja fejn ser ikunu mistiedna Freddie Portelli, l-X-Tend u l-Greenfields fost żeffiena u kantanti oħra. Il-Kunsill għamel kuntatt ma' Leon Promotions u ser tiswa madwar €1,000. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

67.6.2 Reception tal-Milied - Is-Sindku qal li din is-sena l-attivita ser issir nhar is-27 ta' Diċembru fl-iskola tax-Xgħajra.

67.6.3 Is-Sindku qal li kellna claim mingħand persuna li għamel ħsara fuq tire max-xatt u qed jitlob tal-ispejjeż li ġarrab. Il-Kunsill qabel li jingħata rifużjoni tal-ispejjeż tat-tire.

67.6.4 Is-Sindku qal li kellna claim ukoll ta' ħsara li saret fuq karozza meta kien qed isir ix-xogħol tal-cameras. Il-Kunsill qabel li jingħata rifużjoni tal-ispejjeż.

67.7. Item Nru. 67.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

IX-XGĦAJRA

67.7.1 Pagamenti b'numru 75 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

67.8. Item Nru. 67.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

67.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

67.9 Item Nru. 67.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

67.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm

Aġġornament għal-nhar il-Ġimgħa 4 ta' Jannar, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696869
E-Mail xghajra.lc@gov.mt